MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 237/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Eugenio Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Eugenio Agius (u ohrajn) talli:

1) F’dawn il-Gzejjer, bejn Mejju 2004 u Gunju 2004 u fix-xhur precedenti, ittraffikaw persuni ta' l-eta` cioe` Marina Morozova u Natalia Genrihovna bil-ghan li dawk il-persuni jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni, billi taw jew ircievew hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq persuna ohra;

2) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Gunju 2004, u fix-xhur precedenti b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuni ta' nazzjonalita` barranija;

b) zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

3) talli bhala s-sid jew li ghandu taht idejh l-amministazzjoni ta' dar jew fond Ramla Lodge Guesthouse, Marsascala, xjentement ta b'kiri, jew ippermetta l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-pieni applikabbli tordna r-revoka tal-licenzji kollha mahrugin fuq ir-Ramla Lodge Guesthouse;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-appellat (allura imputat) sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal perijodu ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospizi ghal erba' snin taht ordni ta' supervizjoni mill-ufficjali tal-probation, kif ukoll ghal multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-9 ta' Novembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza, billi tikkonferma l-htija u tirrevoka l-piena karcerarja sospiza u minflok tinfliggi l-piena karcerarja effettiva itwal;

Semghet u rat l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellat ta' nullita` tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Minn ezami ta' l-atti tal-kawza jirrizulta li l-appellat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja flimkien ma' persuni ohra fit-18 ta' Gunju 2004. Dakinhar stess l-appellat flimkien ma' uhud mill-ko-imputati l-ohra ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom. Xehdet ukoll l-Ispettur Louise Calleja li esebiet l-istqarrija ta' l-appellat bhala Dok. AM4. Il-kawza giet differita ghall-1 ta' Lulju 2004 u dakinhar saret talba sabiex fir-rigward ta' l-appellat jithejja *social inquiry report*. Il-prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti u wara li t-talba ntlaqghet mill-Qorti, il-prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' l-appellat. L-ewwel Qorti laqghet din it-talba u ordnat "li l-kaz ta' Eugenio Agius titmexxa separatament, u jigi rinvijat" (ara verbal a fol. 50). Inghata wkoll digriet a tenur ta' l-artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali billi dik il-Qorti ddikjarat li wara li nghalqet il-kompilazzjoni tal-provi kollha migjuba quddiemha kontra l-appellat, iddecidiet li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-istess appellat jitqieghed taht att ta' akkuza u baghtitu biex joqghod taht dak l-att quddiem il-Qorti kompetenti u ordnat li l-attijiet tal-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi flimkien ma' l-oggetti li ghandhom x'jaqsmu mal-htija. Fis-6 ta' Awissu 2004 l-Avukat Generali baghat lura l-atti tal-kompilazzjoni lill-ewwel Qorti sabiex din tisma' x-xiehda ta' l-Ispetturi Raymond Aquilina u Alfred Mallia kif ukoll kull prova ohra li ggib il-Pulizija. Fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2004 il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuza billi fejn hemm indikat Ramla Lodge Guest House jigi sostitwit l-isem Ramla Lodge Hotel. L-ewwel Qorti laqghet it-talba, id-difiza tat ruhha b'notifikata, u rega' sar l-ezami ta' l-appellat li mill-gdid ikkonferma l-ammissjoni tieghu u l-atti gew rinvijati lill-Avukat Generali. Fl-1 ta' Ottubru 2004 l-Avukat Generali rega' baghat l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din tisma' lill-Ispetturi Raymond Aquilina u Alfred Mallia kif ukoll kull prova ohra li ggib il-Pulizija.

Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2004 izda, wara li l-ewwel Qorti semghet ix-xiehda tal-P.L. Louisa Tufigno, tat dan id-digriet:

"Il-Qorti,
Rat il-verbal taghha tat-18 ta' Gunju 2004;
Rat l-ammissjoni ta' l-imputat a fol. 13 tal-process, liema ammissjoni saret mal-prezentata u cioe` fl-aktar stadju bikri;
U ghalhekk ai termini tal-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tiddikjara r-rinviju taghha a fol. 57 bhala ultra vires u dan peress illi l-istess Qorti, in vista ta' l-ammissjoni u tal-artikolu precitat, hija wahda ta' Gudikatura Kriminali."

Wara li tat dan id-digriet, l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

L-artikolu 392A tal-Kodici Kriminali gie mizjud permezz ta' l-artikolu 85 ta' l-Att III ta' l-2002. Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jiddisponi hekk:

**"392A(1) Jekk l-akkuzat, bi twegiba ghall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b), jistqarr li hu hati tar-reat li bih ikun akkuzat u l-imsemmi reat ikun suggett ghal piena ta' mhux aktar minn ghaxar snin prigunerija, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 453(1) ghandhom *mutatis mutandis* japplikaw bla hsara ghad-disposizzjonjiet li gejjin ta' dan l-artikolu."**

Bir-riferenza li qed issir f'dan l-ewwel subartikolu ghall-artikolu 392(1)(b), huwa evidenti li l-istadju li ghalih dan l-artikolu jirreferi huwa l-istadju ta' l-interrogatorju, ossia l-istadju ta' l-ezami, bla gurament, li jsir lill-imputat fil-bidu tal-kompilazzjoni wara li tkun semghet lill-ufficjal prosekutur iwettaq ir-rapport bil-gurament. L-ezami jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ssaqsi lill-imputat il-generalitajiet tieghu (skond l-artikolu 392(1)(a)) imbaghad (salv dak li jipprovdi s-subartikolu (4) ta' l-artikolu 370) issaqsieh jekk iridx u xi jrid iwiegeb ghall-akkuza (skond l-artikolu 392(1)(b)). Jekk l-imputat iwiegeb li hu hati, u r-reat ikun suggett ghal piena ta' mhux aktar

minn ghaxar snin prigunerija, dik il-Qorti ghandha twissieh b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u taghtih ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha (skond l-artikolu 453(1)). Jekk l-imputat jibqa' jtenni fit-twegiba tieghu, il-Qorti Istruttorja tittrasforma ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali u taghti s-sentenza skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 392A:

**"392A(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra, jekk l-akkuzat jibqa' jtenni fit-twegiba tieghu li hu hati tar-reat li bih ikun akkuzat il-Qorti bhala qorti ta' gudikatura kriminali ghandha tghaddi 'l quddiem biex taghti lill-akkuzat dik is-sentenza li ghandha tinghata skond il-ligi kontra akkuzat li jinsab hati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem tax-xoghol."**

Fil-kaz in dizamina, nonostante l-ammissjoni ta' l-appellat fl-ewwel seduta, dik tat-18 ta' Gunju 2004, l-ewwel Qorti xorta dehrilha, fis-seduta ta' l-1 ta' Lulju 2004 li ghandha tibghat l-atti lill-Avukat Generali permezz ta' digriet moghti a tenur tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 402. Dan ghamlitu wkoll anke fit-2 ta' Settembru 2004, wara rinviju ta' l-Avukat Generali u ezami mill-gdid ta' l-appellat in vista ta' korrezzjoni fl-akkuza li ntalbet mill-prosekuzzjoni. Issa s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 392A jipprovdi ghal meta l-ewwel Qorti tista' tipprocedi bil-kumpilazzjoni:

**"392A(3) Izda, meta jkun hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk ir-reat kienx gie tassew maghmul, jew jekk l-akkuzat hux hati tar-reat, il-qorti ghandha, ghalkemm l-akkuzat ikun stqarr, tordna li l-kompilazzjoni titmexxa 'l quddiem, bhallikieku l-akkuzat ma wegibx li hu hati."**

F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-ewwel Qorti kellha xi dubbju dwar il-htija ta' l-appellat, ma ordnatx li l-kompilazzjoni titmexxa 'l quddiem ghal xi raguni msemmija fl-artikolu 392A(3), anzi fid-digriet tas-6 ta' Lulju 2004 iddikjarat li kien hemm ragunijiet bizzejjed biex l-appellat jitqieghed

taht att ta' akkuza. Jekk kellha titqajjem xi kwistjoni dwar il-korrettezza o meno tal-proceduri pero`, din kellha titqajjem quddiem l-ewwel Qorti. Sorprendentement pero`, id-difiza fl-ebda waqt quddiem l-ewwel Qorti, ma qajmet din il-kwistjoni. Lanqas ma qajmitha permezz ta' appell izda qajmitha biss *per via di eccezione* wara li appella l-Avukat Generali. Fic-cirkostanzi din il-Qorti tqis li, ghalkemm l-ewwel Qorti ma kinitx inizjalment korretta fl-applikazzjoni tal-procedura stabbilita permezz ta' l-artikolu 392A, bid-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru 2004, li ghalih ma kien hemm l-ebda oppozizzjoni la mill-prosekuzzjoni u wisq anqas mid-difiza, issanat il-pozizzjoni legali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mid-difiza ta' nullita` tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------